MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 227/2017 LM

**Reuben Bonnici għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Ta' Giorni Limited (C 44235)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Ta' Giorni Limited (C 44235)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fil-15 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddikjarat li t-talba magħmula bl-ittra

uffiċjali 1953/2017 mibgħuta mis-soċjetà intimata **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)** [hawnhekk 'l-appellata'] lir-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet 'Automated Revenue Management Services Limited vs Ta' Giorni Limited (C 46054)', għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali, bl-imgħaxijiet legali mis-27 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors fejn qalet li hija mhijiex debitriċi tas-soċjetà intimata għaliex wieħed mill-*meters* in kwistjoni kien jappartjeni għal dar ta' abitazzjoni li twaqqgħet, u kien ġie mneħħi qabel ma ġiet imwaqqa', filwaqt li fil-każ tal-*meter* l-ieħor is-socjetà rikorrenti kienet talbet lis-soċjetà intimata sabiex jispezzjonaw il-*meter* ħalli jiġi identifikat liema kien il-*meter* għaliex ma hemm xejn li jindika li jappartjeni lis-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Ewwel Qorti tappunta r-rikors għas-smigħ a tenur tal-artikolu 466(3) tal-Kap. 12, kif ukoll tiċħad it-talba tas-soċjetà intimata u tiddikjaraha infondata *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li ż-żewġ kontijiet li qiegħed jintalab ħlas tagħhom, kienu u għadhom reġistrati f'isem is-soċjetà rikorrenti, u għalhekk huma responsabbilità tagħha. Qalet li s-soċjetà rikorrenti qatt ma talbet għat-tneħħija ta' dawn il-*meters,* u għalhekk talbet lill-Ewwel Qorti tiċħad it-talba tas-soċjetà rikorrenti, u tiddikjara l-ittra uffiċjali numru 1953/2017 ippreżentata *ai*

*termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti.

## Mertu

4. Jirriżulta li l-kontestazzjoni f’din il-kawża hija dwar kontijiet pendenti fuq żewġ *meters,* li kienu installati f’sit fejn eventwalment is-soċjetà rikorrenti bniet blokka ta’ appartamenti u *penthouses.* Ix-xhud **Adrian Grech**, *financial controller* tas-soċjetà rikorrenti, qal li x-xogħol ta’ twaqqigħ tal-proprjetà ma jkunx jista’ jinbeda qabel jitneħħew il-*meters.*

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-15 ta’ Marzu, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li t-talba tas-soċjetà rikorrenti għanda tiġi miċħuda, u t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *“**Ikkunsidrat***
>
> *Illi jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti kienet irċeviet ittra uffiċjali mingħand is-soċjetà ARMS Ltd sabiex tħallas pendenzi fuq żewġ meters li kienu reġistrati fuqha. Illi min-naħa tas-soċjetà Ta’ Giorni Ltd ma ressqet ebda prova sabiex toħloq difiża għal din it-talba tal-ittra uffiċjali. Illi l-unika xhud li tressaq kien il-Financial Controller fejn semma biss li kienu neħħew xi meter sabiex tinbena blokka iżda ma ressqu ebda dokument dwar xi talba għal xi trasferiment jew tneħħija. Illi min-naħa tas-soċjetà ARMS Ltd esebiet diversi dokumenti li juru li dawn iż-żewġ meters kienu għadhom jidhru fuq is-soċjetà rikorrenti u qatt ma kien hemm xi talba ta’ tneħħija jew inkella xi trasferiment tal-meters għal fuq xi persuna oħra.*

*Illi minn dawn il-fatti l-Qorti tara li hija daqsxejn diffiċli kif meter tad-dawl li suppost kien qiegħed jgħajjat lir-rikorrenti tneħħa u ma jidher minn imkien minn xi applikazzjoni jew inkella meter ġie trasferit għal terzi u xorta baqgħu ħerġin kontijiet lis-soċjetà rikorrenti.*

*Illi però minn dak li qal il-Financial Controller għas-soċjetà rikorrenti, ma ressqux prova waħda dokumentarja għall-fatt li huwa semma. Illi fuq tali nuqqas ta' dokumentazzjoni li turi li saru talbiet lejn is-soċjetà ARMS Ltd dwar it-tneħħija jew trasferiment tal-meters, għalhekk dan il-fatt jibqa' juri li r-responsabbilità tal-konsumatur baqgħet fuqha. Illi però li huwa żgur li ma kienx hemm talba mis-sidien il-ġodda jew inkella mill-istess rikorrenti li jitneħħa dan il-meter minn ġewwa dan il-post fejn kien jinstab. Illi għalhekk din ir-responsabbilità tibqa' tippersisti sakemm isir it-trasferiment tal-istess meter. Illi jekk kien il-każ li s-soċjetà rikorrenti ma baqgħetx tagħmel użu tal-meter fejn kien jinstab dan il-meter, però hija kellha tiżgura li jsir it-trasferiment minn fuqha għal fuq terza persuna.*

***Decide***

*Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċiedi li tiċħad it-talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali numru 1953/17 mibgħuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Ta' Giorni Ltd (C 46054) għandha tiġi esegwita bħala titolu eżekuttiv.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti Ta' Giorni Ltd inkluż dik tal-ittra uffiċjali numru 1953/17 bl-imgħaxijiet legali mis-27 ta' Lulju, 2017 (data tal-ittra uffiċjali) sal-pagament effettiv."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-30 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet premessi, billi tillibera lis-soċjetà appellanta mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad ir-risposta tas-soċjetà

appellata, u tilqa' t-talba tas-soċjetà appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà appellata.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li l-provi tagħha ġew iddikjarati magħluqa mill-Qorti fi żmien meta l-partijiet kienu qegħdin jinnegozjaw tranżazzjoni bonarja bejniethom, u meta l-Ewwel Qorti ntalbet tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza permezz ta' rikors intavolat fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili, l-Ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' din it-talba għaliex ir-rikors ma tressaqx quddiem il-Qorti minkejja li kien intavolat skont il-liġi. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kif preseduta ġiet assenjata din il-kawża fl-10 ta' Marzu, 2020, u dak iż-żmien kienu għadhom qegħdin jinstemgħu l-provi tas-soċjetà appellanta, u l-Ewwel Qorti ddikjarat il-provi magħluqa fit-18 ta' Jannar, 2022. Is-soċjetà appellanta spjegat li tul dan il-perijodu, il-partijiet kienu ppruvaw jaslu fi ftehim bonarju bejniethom sabiex il-kwistjoni tingħalaq bi ftehim, u kienet anki saret laqgħa fl-uffiċċju tas-CEO tal-ARMS ta' dak iż-żmien bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fuq dawn il-kontijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ftehim kien kważi milħuq, u l-intenzjoni kienet li l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti tkun differita sakemm il-ftehim jiġi finalizzat. Qalet li hija kienet sorpriża meta saret taf li l-Ewwel Qorti għalqet il-provi tagħha minkejja li l-intendiment bejn il-partijiet kien li sakemm jiġi ffinalizzat il-ftehim bejniethom, ma kellhom jitressqu l-ebda provi. Qalet li kien għalhekk li fit-23 ta' Mejju, 2022 hija ntavolat rikors fejn għamlet talba lill-Qorti għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Is-soċjetà appellanta spjegat li fl-ewwel seduta li saret quddiem l-Ewwel Qorti, l-avukat difensur tagħha għamel riferiment għal dan ir-rikors, li ma kienx tressaq għall-attenzjoni tal-Qorti, u li ma kienx jifforma parti mill-atti proċesswali tal-

kawża. Qalet li l-verbal tal-14 ta' Frar, 2023 ma kienx korrett għaliex l-avukat difensur tagħha m'għamel l-ebda talba sabiex jintavola r-rikors, iżda għamel biss riferiment għar-rikors li huwa kien intavola madwar sena qabel. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti baqgħet għaddejja bl-għoti tas-sentenza tagħha. Qalet li meta Qorti ssir taf li jkun sar rikors sabiex sentenza ma tingħatax, anki jekk ir-rikors ma jkunx wasal quddiem l-istess Qorti, l-anqas ħaġa li għandha ssir hija li tara fejn mar ir-rikors jew tisma' t-talba *viva voce* u tiddekretaha dak il-ħin. Is-soċjetà appellanta qalet li hija tinsab sorpriża wkoll bil-fatt li minkejja li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jittransiġu barra l-Qorti, imkien ma sar riferiment għal dan il-fatt. Qalet ukoll li minn kif inhuma miktuba l-verbali, wieħed jista' jieħu l-impressjoni li hija sempliċement naqset milli tressaq il-provi tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fatt hija kellha aktar provi xi tressaq dwar il-mertu, għaliex il-kontijiet li dwarhom saret l-ittra uffiċjali ma kinux kontijiet attwali iżda stimi, partikolarment għaliex wieħed mill-*meters* ma kienx rintraċċjabbli.

8. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-ittra uffiċjali bin-numru 1953/17 fl-ismijiet 'Reuben Bonnici għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) *vs.* Ta' Giorni Ltd (C 44235)' hija bbażata fuq dikjarazzjoni falza, jiġifieri li l-ammont huwa dovut, ċert u likwidu, u dan għaliex l-kontijiet li dwarhom saret it-talba ma kinux kontijiet attwali, iżda kienet is-soċjetà appellanta li talbet lill-ARMS Limited li jsir il-qari tal-*meters* sabiex il-kontijiet jiġu kkoreġuti.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li wieħed mill-elementi essenzjali tal-ittra uffiċjali magħmula taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12, huwa li ssir dikjarazzjoni

ġuramentata li l-ammonti huma dovuti. Qalet li biex ammont ikun dovut, il-qari tal-*meter* irid ikun attwali u mhux stima. Qalet li meta s-soċjetà appellata tiddikjara li l-ammont huwa ċert, din qiegħda tagħmel kontradizzjoni perikoluża ħafna għaliex l-ammont mibgħut fuq stima ma jistax ikun ċert, u għalhekk m'għandux isir ġurament fejn jingħad li l-ammonti huma ċerti meta dawn ikunu biss stimi. Qalet li l-ittra uffiċjali hija għalhekk nulla *ab initio* għaliex wieħed mill-elementi essenzjali tagħha, jiġifieri li l-ammont dovut għandu jkun ċert, huwa nieqes, u għalhekk l-ittra ma jistax ikollha l-effetti kkontemplati fl-artikolu 466 tal-Kap. 12, u ma tistax titqies bħala titolu eżekuttiv.

10. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-talba kif magħmulha fl-ittra uffiċjali 1953/2017 hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, u dan għaliex laħqu għaddew aktar minn ħames snin minn meta l-ammont kien pretiż sad-data tal-ittra uffiċjali. Qalet li l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fl-2017, u għalhekk kwalsiasi ammont pretiż mill-appellata li jmur lura għal aktar minn ħames snin mill-ittra uffiċjali, huwa preskritt. L-appellanta saħqet li kien inutili li l-appellata baqgħet tippreżenta l-kontijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li jġibu data li saħansitra tmur oltre d-data tal-ittra uffiċjali biex jissostanzjaw it-talba tagħhom, għaliex dawn mhumiex koperti mill-effetti tal-ittra uffiċjali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġew istitwiti wara li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali bin-numru 1953/2017 *ai*

*termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha ntalab ħlas fl-ammont ta' €1,735.62 mingħand l-appellanta għal konsum ta' dawl u ilma fil-Garage 12, Palm Springs, Triq André Maurois, San Ġiljan, u fil-fond Palm Springs, Triq Albert Mayr, San Ġiljan.

12. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li l-prosegwiment ta' kawża mhux marbut u ma jiddependix fuq il-possibilità ta' tranżazzjoni bejn il-partijiet. Kompliet tgħid li li minkejja li l-Ewwel Qorti tat kull opportunità lis-soċjetà appellanta sabiex tressaq il-provi tagħha, jew almenu tinforma lill-Qorti bil-possibilità ta' tranżazzjoni, hija m'għamlitx dan. Is-soċjetà appellata qalet li mill-verbali għandu jirriżulta li s-soċjetà appellanta ma kienitx tkun rappreżentata u ma kien jidher ħadd għaliha waqt is-seduti, inkluż id-drabi fejn rappreżentanti tas-soċjetà appellanta kienu saħansitra obbligaw ruħhom li jidhru għas-seduta ta' wara. Qalet li kien għalhekk li l-Qorti għaddiet biex tiddikjara l-provi magħluqa. Is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta nnifisha qiegħda tistqarr li kienet intavolat rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u/jew sabiex jerġgħu jinfetħu l-provi tas-soċjetà appellanta, iżda din naqset milli taċċerta ruħha li dan ir-rikors jiġi esebit fl-atti proċesswali u nnotifikat lill-kontroparti. Is-soċjetà appellata qalet li mill-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar, 2023, jirriżulta li l-kawża tħalliet sabiex jiġi ppreżentat rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni s-sentenza, u lil hinn mill-fatt jekk dan il-verbal huwiex korrett jew le, jirriżulta li fid-differiment ta' wara, s-soċjetà appellanta naqset milli tidher quddiem il-Qorti. Is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta kellha tidher sabiex jekk xejn, tispjega lill-Qorti b'dak li kien għaddej u bil-possibilità ta'

tranżazzjoni. Is-soċjetà appellata qalet li għalkemm huwa minnu li l-ittra uffiċjali ntbagħtet minnha, ir-rikors li wassal għal proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi kkontestata l-ittra uffiċjali, sar mis-soċjetà appellanta, u għalhekk din kellha kull interess tiegħu ħsieb li tressaq il-provi tagħha u tinforma lill-Qorti jew taċċerta li l-atti twasslu quddiemha.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ittra uffiċjali għandha tiġi miċħuda, għaliex din l-eċċezzjoni ma tqajmitx quddiem l-Ewwel Qorti. Qalet li jekk l-ittra uffiċjali promotorja hija nulla *ab initio,* kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li tressaq din l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti u tressaq il-provi dwarha. Minflok, spjegat s-soċjetà appellata, is-soċjetà appellanta ddefendiet il-kawża mingħajr ma ressqet din l-eċċezzjoni. Qalet ukoll li s-soċjetà appellanta naqset milli tressaq provi in sostenn tal-argument tagħha li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata huwa bbażat fuq stima, u għalhekk dan l-argument ma jistax isir f'dan l-istadju għaliex fl-atti ma saret l-ebda prova dwar dan. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li din l-eċċezzjoni ma ssibx sostenn f'dak li jipprovdi l-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma jirriżultax li s-soċjetà appellanta sofriet xi preġudizzju. Qalet ukoll li s-soċjetà appellanta naqset milli tippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali u/jew tħarrek lir-Reġistratur tat-Tribunali u Qrati Ċivili sabiex jikkonfermaha bil-ġurament, u għalhekk s-soċjetà appellanta naqset milli tressaq l-aħjar prova sabiex tkun tista' tissostanzja l-eċċezzjoni tagħha, u qiegħda issa tattakka att ġudizzjarju li mhux parti mill-atti.

14. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li hija qatt ma ġiet infurmata b'talba għat-trasferiment jew għat-

terminazzjoni tas-servizzi in kwistjoni, u għalhekk baqgħu joħorġu l-kontijiet f'isem is-soċjetà appellanta. Qalet li ladarba s-soċjetà appellanta qiegħda tqajjem aggravju marbut mal-preskrizzjoni, hija soċjetà appellanta li għandha ġġib prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellat, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fl-ewwel lok is-soċjetà appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra l-fatt li kien hemm il-possibilità ta' tranżazzjoni bejn il-partijiet, u minkejja li sar rikors b'talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-Qorti xorta waħda għaddiet biex tagħti l-ġudizzju tagħha. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li pendenti l-eżitu tat-tentattivi għal tranżazzjoni, ma jitressqu l-ebda provi quddiem il-Qorti, u l-possibilità ta' tranżazzjoni bejn il-partijiet ma semmietx mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

16. Minn qari tal-verbal tat-2 ta' Mejju, 2019, jirriżulta li l-Ewwel Qorti ppreseduta minn Maġistrat differenti minn dik li ddeċidiet il-kawża, talbet lis-soċjetà appellanta tiddikjara jekk kienx għad fadlilha interess fir-rikors imressaq minnha stess, għaliex is-soċjetà appellanta qatt ma dehret jew kienet rappreżentata quddiemha. Jirriżulta wkoll li minkejja li r-rappreżentant tas-soċjetà appellanta Adrian Grech obbliga ruħhu li jidher quddiem l-Ewwel Qorti għas-seduta tal-15 ta' Lulju, 2019, huwa naqas milli jagħmel dan, bir-riżultat li l-Ewwel Qorti kellha titlob spjegazzjoni dwar dan in-nuqqas. Minn qari tal-verbal

tal-31 ta' Ottubru, 2019, għal darb'oħra jirriżulta li l-Ewwel Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li f'dawn il-proċeduri kien ilu ma jsir xejn mit-23 ta' Mejju, 2019, u kienet qiegħda tingħata l-aħħar opportunità lis-soċjetà rikorrenti sabiex tressaq il-provi kollha tagħha. L-Ewwel Qorti għamlitha ċara wkoll li jekk is-soċjetà rikorrenti tonqos milli tagħmel dan, hija kienet sejra tiddikjara l-provi tas-soċjetà rikorrenti magħluqa. Anki wara li l-kawża ġiet assenjata lil ġudikant ieħor, mill-verbal tal-10 ta' Marzu, 2020, jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat twissija fis-sens li ddifferiet il-kawża għall-aħħar darba għall-provi tas-soċjetà rikorrenti, u wissiet li fin-nuqqas ta' provi, fl-udjenza ta' wara kienet ser tgħaddi biex tisma' l-provi tas-soċjetà intimata. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2020, is-soċjetà rikorrenti reġgħet ma kinitx rappreżentata, u mill-verbal jirriżulta li l-kawża ġiet differita għall-aħħar darba għall-provi tas-soċjetà rikorrenti. Jirriżulta wkoll li kien hemm xi differimenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2021, is-soċjetà rikorrenti reġgħet ma kinitx rappreżentata. Il-Qorti kkonċediet l-aħħar differiment għall-għeluq tal-provi, u wissiet li jekk il-partijiet jonqsu li jressqu l-provi tagħhom, hija kienet ser tgħaddi għas-sentenza. Fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu, 2022, il-Qorti kkonstatat li meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd mill-partijiet, spjegat li kellha bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza, u ddifferiet il-kawża għal dak l-iskop.

17. Dan ifisser li kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid s-soċjetà appellanta f'dan l-istadju, kienet hi li abbandunat il-kawża, u naqset milli żżomm lill-Ewwel Qorti infurmata b'dak li kien qiegħed jiġri, inkluż il-possibilità ta' tranżazzjoni. Għal dak li jirrigwarda t-talba tas-soċjetà appellanta għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, irid jingħad li l-Ewwel Qorti ddiferiet il-kawża diversi

drabi wara li spjegat li kellha bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza. Iżda f'dan l-istadju s-soċjetà appellanta ma ħassitx il-ħtieġa li tressaq rikors mill-ġdid sabiex tispjega li kien hemm il-possibilità ta' tranżazzjoni, jew ressqet xi talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Minflok, qiegħda tinqeda b'dan l-appell sabiex tagħti l-impressjoni li hija kienet sorpriża meta saret taf li l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-provi tagħha kienu magħluqa, jew meta l-Ewwel Qorti pproċediet bl-għoti tas-sentenza tagħha. Il-Qorti tqis li dan ifisser biss li s-soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda tagħti wisq każ tal-andament tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kienet qiegħda tonqos milli tidher quddiem il-Qorti, u lanqas ma kienet qiegħda ssegwi dak li kien qiegħed jiġri fi proċeduri mibdija minnha stess, billi almenu tagħti każ tal-verbali tal-Ewwel Qorti. Li kieku għamlet dan, aktarx li kienet tkun f'pożizzjoni li tinduna qabel li l-Ewwel Qorti kienet ser tiddikjara l-provi tagħha magħluqa, jew li l-Ewwel Qorti kienet ser tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha. Imma s-soċjetà appellanta ħalliet li tingħata s-sentenza, u issa qiegħda tinqeda b'dan l-appell sabiex tilmenta dwar l-andament tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għalhekk tiċħdu.

18. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li l-ittra uffiċjali mibgħutha mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanta, hija nulla *ab initio,* u dan għaliex l-ammont pretiż ma setax jingħad li huwa ċert, likwidu u dovut, għaliex huwa bbażat fuq stima u mhux fuq konsum irreġistrat. Il-Qorti tosserva li fir-rikors promutur imressaq mis-soċjetà appellanta quddiem l-Ewwel Qorti, qalet biss li hija mhijiex debitriċi tas-soċjetà appellata, u spjegat li

wieħed mill-*meters* in kwistjoni jinsab f'dar li ġiet imwaqqa', u fir-rigward tat-tieni *meter* kienet intalbet spezzjoni sabiex dan il-*meter* jiġi identifikat. Fl-ebda punt tar-rikors tas-soċjetà appellanta ma tqajmet l-eċċezzjoni li l-ittra uffiċjali hija nulla għaliex l-ammont pretiż mhuwiex ċert, għaliex huwa bbażat fuq stima. Għal din ir-raġuni wkoll, is-sentenza appellata hija siekta għal kollox dwar dan il-punt, u huwa f'dan l-istadju tal-appell li għall-ewwel darba s-soċjetà appellanta qiegħda tressaq din l-eċċezzjoni. Li kieku din il-Qorti kellha taċċetta dan l-aggravju, hija tkun qiegħda ċċaħħad lill-parti l-oħra mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, u mid-dritt li tressaq provi u sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta.

19. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali 1953/2017 huwa preskritt *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din ukoll hija eċċezzjoni li qiegħda titqajjem għall-ewwel darba f'dan l-istadju, u l-Qorti hija tal-fehma li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha għar-raġunijiet diġà mogħtija fir-rigward tat-tieni aggravju. Fi kwalunkwe każ, tali eċċezzjoni għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' dak li jipprovdi l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ladarba ma jirriżultax li ttieħed il-ġurament deċiżorju minn xi esponent tas-soċjetà appellanta quddiem l-Ewwel Qorti, naturalment għaliex din l-eċċezzjoni ma tqajmitx qabel, il-Qorti ma tistax taċċetta li t-talba tas-soċjetà appellata hija preskritta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**